# Il-Lingwaġġ tat-Tfal:
## Studju tat-Taħdit ta' Tifla ta' Sitt Snin

Dorianne Bartolo

Din il-kitba hija bbażata fuq ir-riżultati tat-teżi għall-grad tal-B.A. fil-Malti li ksibt fl-2014. Isem it-tifla mhux l-isem proprju tagħha, sabiex tiġi mħarsa l-identità tagħha. It-traskrizzjonijiet kollha jidhru fit-teżi stess.

**L-Introduzzjoni**

L-istudju li għamilt jiffoka fuq it-taħdit ta' tifla Maltija ta' sitt snin u jinkludi t-taħlit bejn il-Malti u l-Ingliż fil-lingwaġġ tagħha. Barra minn hekk, janalizza l-ħakma li għandha t-tifla fuq il-partijiet tad-diskors f'dik li hi l-inflessjoni tagħhom. L-istudju janalizza t-taħdit tat-tifla miegħi, ma' tfal tamparha, u mal-qraba tagħha: il-ġenituri, ħuha tarbija, in-nanniet, u l-kuġini. Minn dan joħorġu d-differenzi jew ix-xebh fit-tip ta' lingwaġġ li tuża Justine skont ma' min tkun qed titkellem. Kemm il-kliem Malti kif ukoll dak Ingliż hu analizzat minħabba li t-tnejn li huma f'daqqa jsawru l-lingwaġġ ta' din it-tifla. L-istudju se jiffoka wkoll fuq l-iżvilupp li għandha Justine fil-Malti u xi epsressjonijiet li tuża li juru l-ħakma tajba li għandha tal-lingwa.

It-tifla hija kelliema nattiva Maltija, jiġifieri l-lingwa materna tagħha hija l-Malti, u ilni preżenti għat-taħdit tagħha minn meta twieldet. Minħabba dan, dak li tgħid illum il-ġurnata nista' nara minn fejn beda u kemm ilha tħaddmu

fil-lingwaġġ tagħha. It-tifla għandha għarfien tajjeb ħafna kemm tal-Malti kif ukoll tal-Ingliż. Taf titħaddet kważi bl-istess kompetenza biż-żewġ lingwi u taf taqra u tikteb it-tnejn li huma kważi fuq l-istess livell. Normalment it-taħdit tagħha jsir bil-Malti ħlief meta tkun qed tilgħab waħedha jew ma' xi ħadd ieħor bil-pupi u bil-kompjuter. Ma nistax neskludi li meta tkun qed titkellem bil-Malti ma tagħmilx użu ta' kliem Ingliż anke meta għal dan il-kliem għandna kliem bil-Malti.

L-għan ta' dan l-istudju hu li nagħti ħarsa mill-qrib lejn il-mod ta' kif Justine tkompli t-taħdita ma' ħaddieħor permezz ta' xi mistoqsijiet li tpoġġi jew xi rimarki li tgħaddi biex turi li qed tieħu interess f'dak li qed jgħid jew jagħmel il-kelliem l-ieħor. Piaget jgħid li m'hemmx mod aħjar ta' kif tista' tinterpreta l-loġika ta' tifel jew tifla jekk mhux bl-istudju tal-mistoqsijiet spontanji (165). Justine ssaqsi ħafna mistoqsijiet fit-taħdit tagħha u xi drabi jkun diffiċli li wieħed isib risposta addattata għalihom. Fil-fatt, Piaget jgħid li t-tfal isaqsu l-mistoqsijiet daqslikieku dejjem ikun hemm tweġiba għalihom għaliex ma jifhmux li hemm l-ovvju u li hemm ċerti esperjenzi li jiġru għaliex m'hemmx mod ieħor (187). Mit-taħdit analizzajt xi aspetti differenti fil-lingwaġġ tat-tifla, bħall-istruttura tas-sentenza, l-intonazzjoni, u l-mistoqsijiet fit-taħdit, li jgħinu biex ikun hemm kontinwità fid-diskors. B'analiżi li tittratta dawn l-elementi tat-taħdit ta' Justine, stajt nevalwa l-kapaċitajiet tagħha fil-lingwaġġ li tuża.

## 1. Il-Metodoloġija

Għażilt li nagħmel l-istudju tiegħi fuq *micro level* u nanalizza t-taħdit ta' Justine. Saru ħafna studji li ffukaw fuq gruppi ta' tfal li l-età tagħhom tvarja minn xi 3 snin sa 10 snin iżda waqt ir-riċerka tiegħi ma sibtx studju Malti li jiffoka fuq tifla waħda Maltija ta' sitt snin. Għal din ir-raġuni, xtaqt nagħmel studju ddettaljat fuq Justine biex nikkumparah ma' dak li rriżulta fi studji oħra li ttrattaw tfal b'etajiet differenti.

L-għażla tas-suġġett li ridt niffoka fuqu, jiġifieri l-lingwaġġ tat-tfal, telqet minn ideat li kelli dwar it-taħdit ta' Justine. Fit-taħdit tagħha bdejt ninnota ċerti karatteristiċi li xtaqt nanalizzahom sew biex nara għaliex kienu qed jingħadu b'dak il-mod. Ridt nibda niġbor id-*data* meħtieġa, nanalizzaha

u ninterpretaha. Fil-każ tiegħi, l-informazzjoni ma setgħetx tibda tinġabar mingħajr l-approvazzjoni mill-bord tal-etika sew minħabba li l-istudju kien se jsir ma' tifla minuri u anke minħabba li kont se nikseb informazzjoni dwarha u dwar dawk li tkun qed titkellem magħhom. Għaldaqstant, kelli nħejji għadd ta' formoli, għal Justine stess u għall-ġenituri tagħha, kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż li jispjegaw b'mod ċar l-għan tal-istudju ladarba tiġi aċċettata l-proposta.

Ladarba l-formoli ġew aċċettati mill-bord, riedu jiġu aċċettati wkoll mill-ġenituri tat-tifla minħabba li l-kelma aħħarija kellha tkun tagħhom. Kemm il-ġenituri tat-tifla kif ukoll it-tifla stess setgħu jieqfu milli jkomplu jipparteċipaw f'dan l-istudju fiż-żmien li xtaqu. Ma stajtx nobbligahom li jibqgħu jagħtu sehemhom jekk huma għal xi raġuni jew oħra jkunu ħassew il-ħtieġa li jieqfu. Madankollu, ma kellix din il-problema u stajt inkompli nistħarreġ id-diskors tat-tifla mingħajr waqfien.

Permezz tar-rekordings għandi xhieda ta' dak li ġieli qalet it-tifla f'kuntesti diversi ma' persuni differenti. Ma kienx faċli biex ikolli rekording ta' kulma ninnota li qalet it-tifla. Ġieli kont inkun preżenti meta tgħid xi ħaġa partikolari iżda ma nkunx qed nirrekordjaha. Għaldaqstant, kelli l-possibbiltà li nniżżel bil-miktub dak li nkun innutajt xorta waħda sabiex l-analiżi tiegħi tkun aktar iddettaljata u jkolli d-*data* kollha meħtieġa. Ma kellix qasam partikolari wieħed li ridt li jkolli evidenza għalih biss. Ħadt ħsieb ukoll li nfassal pjan tal-istudju; dan beda jitfassal mir-rekordings li bdejt nagħmel u ħsibt li jkun interessanti jekk nitfa'ħarsti b'mod partikolari fuq in-nom, il-verb u l-intonazzjoni fit-taħdit tat-tifla.

## 2. L-Analiżi

David Crystal josserva li meta tgħid 'lingwa' tkun qed tirreferi għall-mod ta' kif titkellem, tikteb u anke tuża l-lingwa tas-sinjali fejn meħtieġ. Is-sistema lingwistika tal-mod kif kelliem juża l-lingwa tiegħu f'xi żmien u post partikolari tissejjaħ l-'idjolett'. F'lingwa ssib ukoll il-varjetajiet li jissawru fil-linwaġġ tal-individwu mingħajr tagħlim (265).

Justine tuża l-*code-switching* il-ħin kollu. Studjużi bħal Albert Borg jirreferu għalih bħala Malti Ingliż imħallat (1980). Dan iseħħ meta l-kelliem iħallat bejn

il-Malti u l-Ingliż fit-taħdit tiegħu b'mod bejn wieħed u ieħor inkonxju. Illum il-ġurnata dan jidher li żdied minħabba l-influwenza tal-mezzi tax-xandir. Minn dak li osservajt, rajt li hija titkellem l-aktar bl-Ingliż meta tkun qed tilgħab waħedha bil-pupi jew b'xi apparat elettroniku. Minkejja li fil-maġġoranza tad-drabi meta tilgħab waħedha titkellem bl-Ingliż, meta tkun qed tilgħab għandi, tibda tgedwed bil-Malti. Dan jista' jkun minħabba li l-logħob li tuża d-dar tagħna huwa differenti minn dak li tuża d-dar tagħhom għaliex għandna ssib logħob bħall-ħadida tal-mogħdija tat-tfal, pupi li kont nilgħab bihom jien u ħwejjeġ tal-pupi li tkun tista' tlibbishomlhom. Għalhekk naħseb li l-lingwaġġ tagħha tassoċjah ma' dak li tkun qed tilgħab bih f'dak il-ħin.

L-irwoli tagħha meta tkun qed tilgħab id-dar tagħna jkunu differenti mill-irwoli li jkollha meta tilgħab id-dar tagħha. Id-dar tagħna tinterpreta l-irwoli ta' omm li qed tagħmel ix-xogħol tad-dar jew li qed tieħu ħsieb lit-tfal, filwaqt li fid-dar tagħha normalment tinterpreta l-irwoli ta' tifla f'taħdit ma' tfal oħra tamparha. Mhux dejjem kien faċli nirrekordjaha meta tkun id-dar tagħna u tkun qed tilgħab u titkellem. Dan għaliex iżżomm il-vuċi tagħha baxxa, u iktar milli toħloq konverżazzjoni ċara, tibda tgħid xi kliem minn taħt l-ilsien.

Fl-istudju li għamilt irriżulta li Justine kapaċi tiddjaloga mal-membri kollha tal-familja, u naħseb li taf tiddistingwi sew bejn il-kapaċitajiet li għandhom fil-lingwi l-kelliema l-oħra. L-addattament li tagħmel it-tifla hi u titkellem ma' xi ħadd li taf jidher ċar sew mit-traskrizzjonijiet u sew mill-osservazzjonijiet li ħadt nota tagħhom. Meta ssaqsiha biex tirrepeti dak li tkun għadha kemm qalet, tirrepeti kliemha bil-Malti jekk tkun qalitu bl-Ingliż, u viċeversa, jew inkella tifforma sentenza oħra simili għal dik li tkun għadha kemm qalet. Normalment, tagħmel hekk meta taħseb li wieħed ma jkunx fehem dak li qalet bil-lingwa li tkun tkellmet biha oriġinarjament, u mhux għax taħseb li l-kelliem l-ieħor ma semagħhiex.

*L-espressjonijiet*

Espressjoni li smajtha tgħidha darba biss hija: "Ara kif xegħlu għajnejha!" Din l-espressjoni qalitha meta konna qegħdin naqraw ktieb flimkien u rat stampa ta' mara b'għajnejha kbar u miftuħin bl-istagħġib. Din l-espressjoni sabiħa qalitha ftit jiem wara li għalqet sitt snin, u turi kemm it-tifla qed tuża espressjonijiet Maltin f'waqthom u kif meħtieġ, minn età żgħira u mingħajr

ħafna sforz ta' tagħlim. Din l-espressjoni t-tifla qalitha minn jeddha mingħajr ħadd ma taha suġġeriment ta' x'għandha tgħid jew tirrimarka hi u tara l-istampa fil-ktieb.

*Il-verbi*

Il-maġġoranza tal-verbi li tuża huma fil-binja l-korretta u għandhom qbil fil-ġens kif xieraq. Madankollu, il-verb 'għallem' tikkonjugah b'mod partikolari. Għandi biss evidenza waħda rrekordjata ta' meta dan il-verb ġie użat kif xieraq fi traskrizzjoni 8, linja 30 meta t-tifla qalet: "Taf x'tgħallimna l-*I.T.*?" (8:30). Il-verb "tgħallimna" hawnhekk qed ifisser '*learned*' bl-Ingliż. L-evidenza l-oħra li għandi mhijiex irrekordjata iżda għandi nota bil-miktub. Il-verb 'għallem' fit-tlissiniet "Hekk tgħallmitni l-*mummy*," "Mhux in-nannu tgħallimni ta!" u "Tgħallimtu xi ħaġa lil Thomas" qed jirreferi għall-verb bl-Ingliż '*to learn*,' iżda l-verb fit-tlissina "Taf x'tgħallmitna tal-MUSEUM?" qed jirreferi għall-verb bl-Ingliż '*to teach*.' It-tifla mhijiex tagħmel distinzjoni bil-Malti bejn il-verb 'għallem' (*to teach*) tat-tieni forma, u l-verb 'tgħallem' (*to learn*) tal-ħames forma, u qed tuża forma waħda biss biex tfisser xi ħaġa differenti.

*L-intonazzjoni*

It-tlissiniet li tifforma Justine jistgħu jiġu kkategorizzati fi tliet taqsimiet prinċipali: dawk li huma mlissna bil-Malti b'intonazzjoni u pronunzja Maltija; dawk li huma mlissna b'Ingliż Malti; u dawk li huma mlissna bl-Ingliż b'intonazzjoni u pronunzja Ingliża. Ma sibtx tlissiniet bil-Malti li ngħadu b'intonazzjoni jew pronunzja Ingliża, u dan, fil-fehma tiegħi, ikompli juri kemm għandha għarfien b'saħħtu tal-lingwa Maltija. Fit-tlissiniet tinħoloq distinzjoni fit-tonalità bejn is-sentenzi bil-Malti u s-sentenzi bl-Ingliż li tgħid it-tifla. Ma tużax l-istess tonalità u pronunzja għaż-żewġ lingwi kif jagħmlu ħafna kelliema nattivi Maltin: fenomenu li s'issa għadu ma ġiex studjat fid-dettall. Il-maġġoranza tat-tlissiniet li għandi fl-evidenza li rnexxieli nikseb huma bil-Malti b'intonazzjoni u pronunzja Maltija, ngħidu aħna, "Issa nsejt daqskemm għamilt ħafna ħafna" (2:2) u "In-numri ma tantx nafhom" (2:11).

Wieħed jista' jqabbel it-tlissiniet bil-Malti u dawk bl-Ingliż biex minnhom toħroġ distinzjoni fl-intonazzjoni. Tlissina li turi mistoqsija bil-Malti bħal "Għalfejn jagħmillek hekk is-siġġu?" (2:37) tista' tiġi mqabbla ma' tlissina bl-

Ingliż iżda b'intonazzjoni Maltija, *"I love you Justine?"* (2:32) u ma' mistoqsija bl-Ingliż u b'intonazzjoni Ingliża, *"Where did you get that?"* (1:13). Il-mistoqsija li ħadt minn traskrizzjoni 2 hija bl-Ingliż bħalma hi l-mistoqsija li ħadt minn traskrizzjoni 1, iżda l-intonazzjoni tagħhom hija differenti għaliex din tal-aħħar għandha intonazzjoni Ingliża.

It-tielet rekording huwa mimli bi tlissiniet bl-Ingliż bħal *"I don't know."*; *"She's never gonna come."*; u *"We have cars. We have toy cars."* Dawn it-tlissiniet li għażilt urew l-intonazzjoni tajba li qed tagħmel it-tifla bl-Ingliż. Huwa kemxejn diffiċli għalija biex nuri bil-kitba eżatt kif seħħet l-intonazzjoni peress li m'iniex imħarrġa biex nagħmel dan. Madankollu, l-idea li Justine tuża intonazzjoni Ingliża meta qed titkellem bl-Ingliż ġiet ikkonfermata wkoll mit-tutur tiegħi wara li sema' siltiet mir-rekordings; hu wkoll intebaħ b'din id-differenza fl-intonazzjoni li tagħmel it-tifla minn kelliema oħra Maltin, inkluż jiena.

Wasalt għal din il-konklużjoni hekk kif bdejt ninnota li meta Justine titkellem bl-Ingliż ma jkunx hemm l-istess intonazzjoni bħalma jkun hemm meta titkellem bil-Malti. F'żewġ tlissiniet twal, waħda bl-Ingliż u l-oħra bil-Malti, hemm differenza fl-intonazzjoni. Fi traskrizzjoni 2 it-tifla tgħid: *"I'll turn it around, I'll paint the sky, house, ground, flowers, balloons. I'll paint the world! Ah I like it."* (2:35) *"I'll turn it around"* biss għandha intonazzjoni u pronunzja Maltija. Alexandra Vella tgħid li hija pjuttost ċara li l-aċċent fil-kliem Malti Ingliżizzat jaqa' fuq is-sillaba ta' qabel tal-aħħar fil-kliem kompost u anke f'xi frażijiet (85). Ftit qabel, Justine tkellmet bil-Malti u minn dak li smajt jinħass li hemm differenza f'kif tlissen il-kliem bil-Malti għal kif tlissen il-kliem bl-Ingliż. Is-sentenza l-oħra bil-Malti mill-istess traskrizzjoni wkoll qiegħda f'forma ta' lista bħas-sentenza bl-Ingliż t'hawn fuq, iżda l-intonazzjoni hija differenti: "Niftakar li għamilt 'Aqsam f'sillabi,' 'L-artiklu' ... le, 'L-artiklu' m'għamilniehx. U l-kuluri hekk isfar, aħdar ... u n-numri hekk wieħed, tnejn." (2:8).

### *Il-pronunzja*

L-influwenza mill-Ingliż f'Justine ma tinħassx biss fl-intonazzjoni iżda wkoll fil-pronunzja ta' xi kliem meta tkun qed tlissen sentenza bl-Ingliż stess bħal *"It's here!"* (9:22), jew meta tkun qed tlissen sentenza bil-Malti imma jkollha xi

kelma bl-Ingliż. Eżempju għal tal-aħħar jidher meta ssaqsi "X'inhu *activity?*" (5:9). Hemm differenza bejn il-mod ta' kif tlissen *"activity"* in-nanna għall-mod ta' kif tlissen *"activity"* it-tifla. Tinstema' wkoll distinzjoni ċara ħafna fil-pronunzja ta' *"animals"* u "annimali" fit-tlissina "Niktbu animals hawn u nagħżlu annimal" (8:31). Fi tlissina minn rekording 8 nstemgħet ċara ħafna l-influwenza li jħallu l-filmati fuq YouTube fuq Justine fil-mod ta' kif tlissen l-Ingliż, *"Must be Santa!"* (8:72). *"Santa"* qalitha eżatt kif bdiet tgħidha tal-filmat. Minbarra dawn it-tlissiniet qosra hemm is-sentenza twila li semmejt aktar qabel minn traskrizzjoni 2. Fil-fehma tiegħi, il-pronunzja tajba tal-kliem *"flowers," "balloons"* u *"world"* fit-tlissina (2:35) għenu biex ikun hemm l-intonazzjoni Ingliża.

## Il-Konklużjoni

Fl-analiżi ħarġu għadd ta' karatteristiċi partikolari li jsawru l-lingwaġġ ta' Justine. Irriżulta li Justine tagħmel użu mill-*code-switching* il-ħin kollu, għalhekk l-analiżi kellha ssir kemm fuq il-Malti użat mit-tifla kif ukoll fuq l-Ingliż, minħabba li t-tnejn f'daqqa huma dejjem preżenti fit-taħdit tagħha. Xi drabi tuża kliem minn tal-lingwa l-oħra biex tesprimi ruħha aħjar jew inkella tuża kelma bil-lingwa l-oħra li ma tkunx qed titkellem biha għaliex tkun taf lilha biss.

Ħareġ ukoll li hija ġieli tagħmel distinzjoni bejn meta titkellem bil-Malti u meta titkellem bl-Ingliż. Irriżulta li xi drabi tagħmel intonazzjoni Ingliża tajba ħafna ta' tlissiniet bl-Ingliż. Madankollu, ma sibt l-ebda eżempju meta din l-intonazzjoni dehret li teffettwa tlissiniet bil-Malti. Dan jixhed kemm Justine għandha ħakma tajba taż-żewġ lingwi. Minħabba li ġieli tagħmel distinzjoni bejn iż-żewġ lingwi u ġieli le, ma nistax nasal għall-konklużjoni li Justine tqis dawn iż-żewġ lingwi bħala żewġ sistemi separati. Dan il-fenomenu interessani ħafna għaliex qed isir minn xi ħadd żgħir f'età li għadu mhuwiex konxju ta' din id-differenza fil-lingwi. Dan il-fenomenu qed iseħħ fuq bażi fonoloġika u t-tifla qed tapplika dak li tisma' fit-taħdit tagħha. Madankollu, fl-istudju tagħha Ruth Delceppo sabet li kelliem Malti fil-bidu li jiltaqa' mal-lingwa Ingliża juża sistema fonoloġika li mhijiex differenti mis-sistema li juża għal-lingwa nattiva tiegħu. Iktar milli jkun hemm qtugħ bejn il-Malti u l-Ingliż, it-tifel li osservat Delceppo

japplika dak li jkun żviluppa fil-lingwa nattiva tiegħu għat-tieni lingwa li jitgħallem (144). Fil-każ ta' Justine, dan ma jseħħx fit-tlissiniet kollha li tgħid bl-Ingliż.

*Aktar riċerka*

Minħabba li l-istudju analizza tifla waħda biss, ma setgħux isiru ġeneralizzazzjonijiet. Il-konklużjonijiet dejjem kellhom jibqgħu bbażati fuq Justine. Din il-'problema' titkellem dwarha Catherine Tanti wkoll fir-riċerka tagħha dwar l-iżvilupp fil-qari tat-tfal u tgħid li huwa importanti li wieħed jikkunsidra li l-istudju ma'tifla waħda biss illimita l-opportunità li tikkumpara u tikkuntrasta mal-iżvilupp ta'tfal oħra. Minbarra dan, fl-istudju tagħha semmiet li intervisti mal-għalliema tal-*kindergarten* tat-tifla kienu jkunu utli għaliex b'hekk kienet tkun taf kif kienet tirreaġixxi għall-qari meta kienet iżgħar (1999).

Għad trid issir iktar riċerka dwar l-intonazzjoni, u xi karatteristiċi oħrajn li sibt sabiex wieħed jara humiex komuni fost ħafna kelliema jew jekk għadux fenomenu pjuttost ġdid fost ftit kelliema. Biex wieħed jiskopri dan, is-*sample* għandu jkun ta' ħafna iktar parteċipanti b'xi varjabbli komuni bħall-età, il-lokalità, l-iskola jew istituzzjoni simili, u li bejn wieħed u ieħor ikollhom l-istess livell ta' għarfien fl-Ingliż.

**Waħda mit-traskrizzjonijiet li semmejt f'dan l-istudju:**

Il-kodiċi tan-nies li ġew irrekordjati f'din it-traskrizzjoni:

3 Justine, it-tifla li għamilt l-istudju magħha

J Jiena, l-awtriċi tat-teżi

**Għażla mir-rekording li saret fil-11.09.13**

Traskrizzjoni 2: Konverżazzjoni li saret bejni u bejn it-tifla.

3 X'*revision* għamilt?

J Issa nsejt daqskemm għamilt ħafna ħafna.

3 Imma x'għamilt? Malti? Ingliż?

J Malti.
3 U x'għamilt?
J Insejt.
3 U ejja.
J Niftakar li għamilt 'Aqsam f'Sillabi', 'L-Artiklu'... le 'L-Artiklu' m'għamilniehx.
U l-kuluri hekk isfar, aħdar ... u n-numri hekk wieħed, tnejn.
3 Tajjeb.
3 U issa x'ħa toqgħod tagħmel?
J In-numri ma tantx nafhom.
3 X'ma tafx?
J Hekk wieħed, tnejn, tlieta, erbgħa, sitta.
3 Ħamsa.
J Ħamsa.
3 U taf tiktibhom?
J Le.
J Bl-amment?
3 Issa llum nitgħallmuhom.
3 U issa x'ħa tagħmel?
J Qed inpenġi *rainbow*.
3 Taf x'jgħidulha *rainbow* bil-Malti?
J Le.
3 Qawsalla.
J Qawsalla?
3 Mm.
J Għalfejn tajtni lapes?
3 Biex jekk trid tikteb bih.
J U minflok ktibt, għamilt ir-*rainbow* bil-lapes. Kemm ġiet sabiħa!
(pawsa)
J Dik tiftakar meta kont għamilthielek jiena?
(Qed turini tpinġija li kienet għamlet hi.)
3 Eħe.
J *I love you Justine* (Qed taqra.)
J Jiġifieri *from me* ... għax inħobbok.
(pawsa)

J Issa tgħid ... jew *I know*!

J *I'll turn it around, I'll paint the sky, house, ground, flowers, balloons. I'll paint the world!*

J *Ah I like it.*
(pawsa)

J Għalfejn jagħmillek hekk is-siġġu?
(Bdiet timbuttah ftit b'idejha biex turini kif jagħmel.)

J Tiegħek jiġrilu hekk?

J Għalfejn jagħmlulu hekk?

3 Biex tkun komda fuqu.

J Biex toqgħod hekk?
(Urietni kif toqgħod b'mod komdu fuq is-siġġu.)

J Hemmhekk konna l-quddies ta!
(Qed tħares lejn sett ta' ritratti li għandna fil-kamra fejn konna.)

3 X'quddiesa?

J Quddiesa *Gozo*. Bdejt nibża'.

J Ara hemmhekk kemm kont żgħira, żgħira, żgħira!
*Ah my favourite part*!
(Qed titkellem bejnha u bejn ruħha.)

J Ara jien ngħum. Hemmhekk mingħajr *muscles*. Ngħum minn *side* għal *side*, minn *side* għal *side* sat-taraġ.

**Il-Biblijografija**


Bartolo, Dorianne. *Il-Lingwaġġ tat-tfal: Studju tat-taħdit ta' tifla ta' sitt snin.* Malta: U ta' Malta, 2014. Stampat.

Borg, Albert. *Language and Socialization in developing Malta.* Malta: U ta' Malta, 1980. Stampat.

Crystal, David. *A Dictionary of Linguistics and Phonetics.* 6th ed. Oxford, UK: Blackwell, 2008. Stampat.

Delceppo, Ruth. *The Acquisition of English Phonology by the Maltese Child.* Malta: U ta' Malta, 1986. Stampat.

Piaget, Jean. *The language and thought of the child.* London and New York: Routledge, 2002. Stampat.

Tanti, Catherine. *The literacy development of a Maltese six-year-old child. A case study.* U ta' Malta, 1999. Stampat.

Vella, Alexandra. *Prosodic Structure and Intonation in Maltese and its Influence on Maltese English.* U of Edinburgh, 1994. Stampat.